**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Novembru, 2015**

Talba Nru: 19/2013JB

Numru 10

**Ismael Sultana**

***vs***

**Victor Karpati f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom tad-ditta The UK Car Company u skond digriet tat-18 ta' Frar 2015 gie mahtur Dr Simon Micallef Stafrace bhala Kuratur Deputat sabiex jidher ghall-intimat assenti u wara d-digriet tal-10 ta' Marzu 2015 gie mahtur Dr Joseph Ellis bhala Kuratur Deputat minflok Dr Simon Micallef Stafrace**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar il-11 ta' Jananr 2013 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf hames mija u hamsin euro (€1,550) rapprezentanti bilanc ta' self *brevi manu.* Talab ukoll l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 1224/12;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Frar 2013;

Ra d-digriet tat-18 ta' Frar 2015 fejn gie mahtur Dr Simon Micallef Stafrace bhala kuratur deputat sabiex jidher ghall-intimat assenti;

Ra d-digriet tal-10 ta' Marzu 2015 fejn gie mahtur Dr Joseph Ellis bhala kuratur deputat minflok Dr Simon Micallef Stafrace;

Ra r-risposta tal-kuratur deputat, l-Avukat Joseph Ellis (a fol 42) fejn dan eccepixxa li mhuwiex edott mill-fatti fil-waqt li rrizerva li jressaq eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri;

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti u l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi mix-xhieda tal-attur u bid-dokumenti minnu prodotti, jirrizulta car illi l-konvenut issellef is-somma ta' elfejn euro (€2,000) minghand l-attur u minkejja obbligazzjonijiet u promessi li ser ihallas l-import kollu, fil-verita' hallas biss is-somma ta' erba' mija u hamsin euro (€450). It-Tribunal huwa sodisfatt li l-ebda imghax ma gie impost u bejn il-partijiet kien hemm negozju precedenti. Fil-kontro-ezami, l-attur kompla jsostni l-posizzjoni tieghu;

Illi hu car li minn dak li jirrizulta mill-atti, l-Attur irnexxielu jipprova t-talba tieghu u t-Tribunal ma jarax li hemm xi impediment sabiex din it-talba tintlaqa'. Mill-banda 'l ohra jqis li l-kuratur mhux f'qaghda li jressaq provi in kontradizzjoni tat-talba;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-Talba Attrici u jikkundanna lill-Konvenut fil-kwalita tieghu premessa ihallas lill-Attur s-somma ta' €1,550 bl-imghax legali skond il-ligi. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut fil-kwalita tieghu premessa, b'dan li d-drittijiet tal-kuratur deputat ghandhom provizorjament jithallsu mill-Attur.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan Zerafa
*Deputat Reġistratur*